MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru 162/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa' u
Sp Paul Caruana)
vs
Omissis

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' jannar, 2006 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, mingħajr awtorizzazzjoni użat computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol fi xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użat, ikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni ipprevjeniet jew ostakolat id-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni għarrqet it-tħaddim ta’ xi sistema, software jew l-integrita’ jew affidabilita’ ta’ xi data;
4. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni ħadet pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew għamlet użu minnhom;
5. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni installat, neħħiet, biddlet, ikkanċellat, qerdet, varjat jew żiedet ma xi data, software jewdokumentazzjoni ta’ appoġġ;
6. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni użat il-kodiċi ta’ dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta’ dħul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ persuna oħra f’computer.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputata għal ħlas ta’ l-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikolu 337Ċ(1)(a)(d)(e)(f)(ġ)(i) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u l-fatt li fil-ġurnata tar-reati l-imputata kienet minorenni.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------